C/2024/4500

9.7.2024

Avviż dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 10a(13) u 25a(13) tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà

(C/2024/4500)

Fl-10 ta' Ġunju 2024, il-korpi msemmija fl-Artikoli 10a(1) u 25a(1) tad-Direttiva 2009/103/KE [1] u l-entitajiet imsemmija fl-Artikoli 10a(13), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), u l-Artikolu 25a(13), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), ta' dik id-Direttiva kkonkludew il-ftehimiet li jikkonċernaw il-funzjonijiet u l-obbligi tagħhom u l-proċeduri għar-rimborż skont l-Artikoli 10a(13) u 25a(13) ta' dik id-Direttiva. Dawk il-ftehimiet se jidħlu fis-seħħ mill-10 ta' Lulju 2024.

[1] Id-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU L 263, 7.10.2009, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/103/oj).